DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2817** **16.12. 2013**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li l-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minħabba li nstab li fih ammont għoli ta' Aflatossina. Aflatossina hija tip ta mikotossina li tiġi prodotta minn speċi ta' moffa bl-isem *Aspergillus*.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Prodott:** | **Peanut Blanched** |
| **Ditta:** | **Country** |
| **Kontenut:** | **400g** |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | **Pakkett tal-plastik** |
| **Data l-aħjar qabel:** | **01/15** |
| **Lott:** | **B13-4225** |
| **Oriġini:** | **Ċina** |




Il-persuna responsabbli ġiet obbligata tirtira din il-konsenja mis-suq, imma minħabba li kien irrappurtat li l-konsenja laħqet inbiegħet kollha, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tad-Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq:

https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.